**NOMINA TAS-SA MARIA CAMILLERI**
**GĦALL-ĦATRA TA’ AMBAXXATUR TA’ MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-MALASJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X’taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż?

   L-ikbar sfidi li qed thabbat wiccha maghhom il-Malasja jolqtu s-setturi economici, politici u socjali kif ukoll l-isfidi nterni tal-ASEAN, dawk regjonali u teritorjali fosthom il-krizi ta’ Myanmar u l-problemi tas-SOUTH SEA CHINA
   Skont il-Forum Dinji Ekonomiku 2025, bhalissa l-Malasjani ghaddejjin minn inkwiet bid-daqqa ‘l isfel li ha l-pajjiz. Hemm riskju ta’ ricessjoni. Il-pajjiz jiddependi hafna fuq l-esportazzjoni. It-tensjoni li qed tinholoq bejn l-Istati Uniti u c-Cina f’dik iz-zona, il-krizi ta’ Myanmar, u n-nuqqas ta’ ftehim fl-ibhra tan-Nofs in-Nhar tac-Cina qed ikunu il-kawza ta’ hafna caqliq fil-kummerc.
   Problema ohra hija l-inflazzjoni.
   Hemm il-problema tal-qghad specjalment fost il-gradwati. Ikollhom ifittxu xoghol b’pagi baxxi jew jitilqu mill-pajjiz.
   Il-Malasja ukoll qieghda thabbat wiccha ma’ problemi socjali nterni relati ma-religjonijiet u l-gruppi etnici li hemm fil-pajjiz.
   Sfidi ohra li qed tiffacja il-Malasja huma fejn tidhol il-governanza, il-problema tal-immigrazzjoni u l-ambjent.
   Barraminhekk jesistu problemi mqanqla minn:
   Nuqqas ta’ ugwaljanza,
   Nuqqas ta’ hiliet relatati mal-qasam tax-xoghol
   Tibdil fil-Klima/Ambjent
   Id-Drittijiet tal-Bniedem
   -------------
   Konxja mill-problemi li qed thabbat wiccha maghhom, il-Malasja qed tahdem bis-shih biex :
   Izzid l-esportazzjoni tal-gas u z-zejt
   Twaqqif ta’ skema ‘ Employee Product Fund’ biex jghin l-investituri godda jinvestu u joholqu x-xoghol specjalment fejn tidhol id-dinja digitali
   Efficenzja fl-energija rinovabbli

   Tizdied l-esportazzjoni tat-teknologija.(Il-Malasja hija meqjusa bhala t-tieni l-akbar esportatur tat-teknologija wara Singapor)
   Wiehed ma jridx jinsa l-qasam turistiku li huwa sors kbir ta’dhul ghall-pajjiz
   Fejn tidhol governanza , qed isiru hafna sforzi biex titnaqqas il-korruzzjoni u l-burokrazija kif ukoll titjieb l-efficjenza fost l-impjegati fis-settur pubbliku.

2. F’każ li tinħatar Ambaxxatur, x’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom?

   Ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Malasja gew stabbiliti fl-1975. Il-kummerc bejn iz-zewg pajjizi dejjem kien stabbli minkejja li fl-ahhar snin l-esportazzjoni mill-Malasja kibret

fejn jidhol makkinarju, l-elettronika, partijiet tal-ajruplani u apparat iehor. Ma nistghux nghidu l-istess ghal Malta fejn l-esportazzjoni naqset. Hemm zbilanc kbir.
Wiehed irid jahdem sabiex ir-rabtiet bejn iz-zewg pajjizi jibqghu sodi u kordjali billi:
Ir-relazzjonijiet fil-qasam tal-kummerc kemm jista' jkun jizdiedu
Ghandu jkun hemm aktar tahdidiet bejn delegazzjoniet halli wiehed jifli nicec godda ta' kummerc
Jissahhu r-rabtiet bejn iz-zewg pajjizi fl-oqsma tal-Arti u Kultura
Gharfien akbar dwar x'tista' toffri Malta fil-qasam tat-Turizmu
Tkun spalla ghall-Malasja fin-negozjati li ghaddejjin bejn l-Unjoni Ewropeja u l-Malasja fil-'Free Trade Agreement'
Malta ghandha Konslu Onorarju (mhux Residenti) f'Kuala Lampur li jghin hafna fit tahdidiet bejn iz-zewg pajjiz.

3. Kif tara li jistgħu jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali tal-pajjiż ma' pajjiżna?

   Ir-relazzjoniet politici u socjali dejjem jistghu jitjiebu fosthom bis-sahha tad-diplomazija, djalogu, arti u kultura u edukazzjoni. Programmi edukattivi bhal Erasmus+ jghinu hafna biex jitwaqqfu tims ta' ricerka sabiex jahdmu flimkien u b'hekk jghinu sabiex jissahhu r-r-relazzjonijiet bejn iz-zewg nahat.
   Bit-tishih tar-relazzjonijiet , iz-zewg nahat jistghu jikkontribwixxu ghall-ambjent iktar posittiv u tizdied il-kooperazzjoni fil-qasam ekonomiku , socjali u kulturali.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   L-isfidi bejn iz-zewg pajjizi jistghu jintghelbu bit-tishih tar-relazzjonijiet bilaterali u kollaborazzjoni f'oqsma li huma komuni ghal xulxin bhal per ezempju fil-qasam tat-turizmu, it-teknologija u l-edukazzjoni
   Malta u l-Malasja jistghu jeghlbu l-isfidi billi jiffokaw l-aktar fuq d-diplomazija u l-multilaterizmu.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu insibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

   Malta u l-Malasja jistghu jahdmu qrib ta' xulxin billi tissahhah aktar d-diplomazija, kollaborazzjoni fuq ir-ricerka u zvilupp f'oqsma bhal AI, it-tishih tal-kummerc, arti u kultura u l-edukazzjoni.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Bhalma diga' semmejt wiehed ghandu jifli sew dawk is-setturi li wiehed jista' jkabbar il-kummerc biex tissahhah l-ekonomija

7. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Il-konnessjoni bl-ajru bejn l-Asja u Malta fethet toroq godda fit-turizmu. Waqt li vjaggatur ghandu l-opportunita' li jzur u jitpaxxa bis-sbuhija li toffri l-Malasja, min-

naha l-ohra vjaggatur li jzur lil Malta jara b'ghajnejh dan il-pajjiz ckejken imma mimli sbuhija jista' joffri.

8. Fuq livell ta' Politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

   Malta u l-Malasja jistghu jahdmu flimkien fuq livell diplomatiku. Prezentament l-Unjoni Ewropeja u l-Malasja qeghdin jinnegozjaw il-FREE TRADE AGREEMENT fftehim li jkun ta' gid kbir bejn iz-zewg nahat b'rizultat li l-kummerc jkompli jikber Minhabba li Malta hija membru tal-Unjoni Ewropeja tista tivvantaggja ruhha kemm-il-darba jintlahaq dan il-ftehim.
   Malta tista' tghin billi taghti mbuttatura lill-Malasja biex tilhaq l-ghanijiet taghha.
   Barraminhekk iz-zewg pajjizi huma membri tal-Istati Maghquda u tal-Commonwealth…..zewg organizzazzjonijiet internazzjonali fejn iz-zewg nahat huma attivi fid-decizzjonijiet li jittiehdu.

9. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Fil-korp diplomatiku qatt ma kont imma kelli dawn il-karigi:
   Kont membru parlamentari
   Asst Whip
   Membru tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici
   Rapprezentanta Parlamentari fil-Kunsill tal-Ewropa u fil-Commonwealth Women's Parliamentarians Association.

10. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

    Mibghut Specjali tal-Prim Ministru ghall-Pajjizi Gharab
    Direttur (Programmi )ECLASLO
    ARMS (Direttur)
    NDSF (National Development and Social Fund)
    Membru tal-Bord ta' Examinaturi tas-Servizz Pubbliku

    Kemm-il-darba ninghata l-opportunita' behsiebni nibqa' naghti l-kontribut tieghi f'dawn l-entitajiet.

11. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxu xi konflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

    Le m'ghandi l-ebda attivita' kummerċjali.

12. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

    Le qatt ma kelli xi investimenti kummercjali mal-pajjiz rispettiv.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Malasja?

   Il-Malasja hija pajjiz federali kostizjonali monarkiku li jikkonsisti fi 13-il stat u tlettteritorji federali fosthom il-belt kapitali ta' Kuala Lampur. Il-lingwa hija Malaj u skont il-Bank Dinji il-popolazzjoni taqbez il-35 miljun. Il-Prim Ministru huwa Dato' Sri Ismael Sabri bin Yakoob. Il-malasja hija maqsuma f'zewg regjuni. Hija multi-etnika b'religjonijiet differenti. L-ekonomija taghha hija bbazata fuq il-kummerc ma' pajjizi barranin fejn jidhol trasport, ikel, taghmir tal-ajruplani, tessuti , taghmir elettroniku fost kollox.
   Bhala Ambaxxatrici ta' Malta mhux residenti , wiehed irid jahdem biex ikompli jsahhah u jippromwovi l-attivita' kummercjali u ekonomika li diga' tezistibejn iz-zewg pajjizi. Hemm bosta oqsma fejn wiehed jista'jgharrex fosthom l-oqsma tal-arti u l-kultura, ix-xjenza, ir-ricerka is-settur farmacewtiku u dak teknologiku. B'hekk il-pajjizi jersqu aktar qrib ta' xulxin fir-relazzjonijiet ta' bejniethom.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Malasja?

   Il-Malasja ghandha sfidi kbar minhabba it-tilwim li hemm bejn ic-Cina u l-Istati Uniti, il-krizi ta' Myanmar u l-krizi l-ohra li hemm f'dik li jsejhulha 'is-South Sea China Crises'
   Hemm aspett importanti li l-Malasja qieghda tahdem fuqu. Ghaddejjin tahdidiet bejn il-Malasja u l-Unjoni Ewropeja fuq il -'Free Trade Agreement' Pajjizna jista' jixpruna dan il-ftehim billi jahdem kemm jiflah u juri appogg shih fil-miftuh biex jintlahaq dan il-ftehim. Bhalma diga' semmejt ghandhom jinghataw importanza nicec godda bhal dak turistiku, teknologiku, kulturali u eukattiv. Illum il-gurnata l-konnettivita' bejn iz-zewg pajjizi saret aktar facli u b'hekk x'uhud mill-problemi marbuta mal-isfidi jistghu jinghelbu

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Malasja?

   Malta u l-Malasja sa mill-1975 dejjem fittxew li jsahhu r-relazzjonijiet diplomatici ta' bejniethom. Bis-sahha tal-kummerc dejjem hadmu sabiex ikunu qrib ta' xulxin. Sfortunatement f'dawn l-ahhar snin rajna li waqt l-esportazzjoni mill-Malasja lejn il-Malta kompliet tikber, m jistax jinghad l-istess ghall-kummerc li jsir minn Malta ghall-Malasja. Wiehed irid jifli u jistudja sew din is-sitwazzjoni biex kemm jista' jkun titjieb. Fil-Malasja hemm Konslu Onorarju li s-sehem tieghu fir-relazzjonijiet bejn iz-zewg pajjizi huwa importanti
   Pass importanti li wiehed irid isemmi huwa l-ftehim li kien sar fl-2000 dwar id-Double Taxation u lvisa-free-entry li jaghtihom id-dritt lijidhlu fil-pajjizi tas-Schengen inkluza Malta
   M'hemmx informazzjoni specifika kemm hawn Malasjni jahdmu hawn Malta. Imma tezisti komunita' zghira ta' haddiema fosthomtabiba li tahdem f'Mater Dei.
   Minkejja d-distanza geogafika li hemm nejn iz-zewg pajjizi kif ukoll id-daqs tal-pajjizi, Malta ghandha dejjem tibqa' mpenjat li ssahhah r-relazzjonijiet taghha mal-Malasja

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-korp diplomatiku?

Jiena qatt ma kont fil-korp diplomatiku imma attendejt kors l-Universita' ta' Malta fejn ksibt Diploma fl-istudji Diplomatici mill-MEDEC. Barraminhekk meta kont rapprezentanta parlamentari fil-Kunsill tal-Ewropa gieli kont parti minn laqghat li kienu jsiru bejn id-delegazzjonijiet

5. Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   Jiena qatt ma gejt assenjata gewwa ambaxxata jew ircevejt xi forma ta' tahrig diplomatiku hlief mill-istudji li ghamilt fid-diplomazija gewwa l-Universita' ta' Malta.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   Darba wahda kont parti minn delegazzjoni presidenzjali imma ma nistax nghid li kont involuta f'xi tahdidiet.

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   Dejjem hdimt fic-Civil bhala ghalliema u wara kap ta' skola. Waqqaft l-iskola musulmana Mariam Albatool li hija mghejjuna mill-gvern malti. Ghamilt 17-il sena nahdem f'din l-iskola sakemm irtirajt.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   Jiena qatt ma kont nifforma parti mis-Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. Niddikjara li qatt ma hdimt qrib taghhom.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Malasja?

   Jiena qieghda nahdem "part-time" ECLASLO" – Europenean Commission League of Arab States Office
   Mahtura fuq il-Bord tal-NDSF – National Development and Social Fund
   Special Envoj fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ghall-pajjizi Gharab (minghajr hlas)
   Bord tal-ARMS
   Bord tal-Ghazla tal-impjegati tac-Civil

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Malasja?

    M'ghandi l-ebda rabta kummrercjali mal-Malasja.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

    M'ghandi l-ebda konflitt ta' nteress ghax ix-xoghol li naghmel m'ghandu l-ebda rabta mal-hidma diplomatika fil-Malasja kemm-il-darba ninghazel

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

    Niddikjara li qatt ma kelli cittadinanza jewpassaport ta' xi pajjiz barrani hlief dak ta' Malta